Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 358/15/1

**Sam El Khatib a nom u in rappreżentanza tad-ditta S.E.K. Installations**

**vs**

**John Gambina**

14 ta' Mejju 2018.

1. **Il-kawża hi dwar talba għall-ħlas ta' €2,927.81 allegatament rappreżentanti bejgħ u installazzjoni ta' *hall porter systems* fil-blokk appartamenti fejn igħix il-konvenut.**

2. B'avviż tat-13 ta' Mejju 2015 ippreżentat fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, l-attur ippremetta li l-konvenut huwa debitur fl-ammont ta' **€2,927.81** (VAT inkluża) għal bejgħ u installazzjoni ta' video/audio *hall porter systems* ġewwa San Juan Apartments, Triq il-Marbet, Swieqi, kif indikat mill-fatturi nri: *00293, 00294, 00295, 00296 u 00297*. Spjega illi minkejja li interpella lill-konvenut diversi drabi biex iħallsu tali ammont, inkluż b'ittra uffiċjali datata 16 ta' Ottubru 2014, baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir il-kawża. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Ottubru 2014 (2127/14) u bl-imgħax fuq l-ammont mid-data li tali ammont sar dovut, sad-data tal-pagament effettiv.

3. Fir-risposta tiegħu tad-19 ta'  Ġunju 2015 il-konvenut eċċepixxa illi:

   (i) fl-ewwel lok ix-xogħol baqa' qatt ma tlesta;

   (ii) mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba għall-ħlas għax-xogħol li sar hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a);

   (iii) mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont rikjest huwa esaġerat u jiżboq l-istima maħruġa mill-istess attur;

(iv) ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur nesa jnaqqas il-pagamenti ġia magħmula.

4. Fis-7 ta' Lulju 2017 it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut in kwantu semma biss l-artikolu iżda mhux il-Kapitolu tal-liġi applikabbli. Fil-meritu ċaħad it-talbiet tal-attur nominee u ordna li l-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal ¾ mill-attur nomine u ¼ mill-konvenut.

5. B'rikors preżentat fis-27 ta' Lulju 2017 il-konvenut appella mis-sentenza.

**L-aggravju.**

6. L-attur jilmenta li kemm il-provi proċesswali kif ukoll l-argumenti interposti quddiem it-Tribunal kellhom iwasslu lill-istess Tribunal biex jilqa' u mhux jiċħad it-talba tiegħu. Jilmenta wkoll illi ma jaqbilx mal-mod kif ġew allokati l-ispejjeż.

- Somma ridotta: Jibda' biex jippreċiża illi l-appell tiegħu qed isir fir-rigward tas-somma ridotta ta' **€1,927.81** stante li matul il-proċeduri huwa stess ikkonferma li kien irċieva pagament ta' €1,000 mingħand il-konvenut appellat.

- Ix-xogħol komuni: Jispjega illi l-ewwel biċċa xogħol li għamel kienet tirrigwarda tqegħid ta' sistema komuni ta' *hall porter systems* għal kull appartament tal-blokka. Qal li meta tali xogħol tlesta, is-sidien l-oħra (Brownrigg u Gauci) ħallsuh minnufih fir-rigward tax-xogħol relatat mal-appartamenti relattivi tagħhom, iżda l-konvenut li huwa s-sid tal-*penthouse* (li fiha żewġ sulari) u ta' tlett appartamenti, u li kellu jagħtih €2,668.21 (inkluż il-VAT) ħallas biss €1,000 u għalhekk fir-rigward tax-xogħol komuni, rifless fil-*quotation* relattiva, il-konvenut fadallu jħallas bilanċ ta' **€1,668.21.**

- <u>Xogħol addizzjonali fil-*penthouse* tal-konvenut</u>: Ikompli jispjega illi wara li l-*quotation* fir-rigward tax-xogħol komuni ġiet aċċettata u huwa kien għaddej bix-xogħol relattiv, il-konvenut talbu jagħmillu xogħol addizzjonali fil-*penthouse.* Jgħid li tali xogħol addizzjonali jammonta għal **€259.60**. Isostni illi għalkemm huwa minnu li fir-rigward ta' dan ix-xogħol addizzjonali kien jonqsu il-*commissioning* tas-sistema, din baqa' ma għamilhiex minħabba li l-konvenut qatt ma reġa' tah aċċess għall-proprjeta` tiegħu, iżda jispjega illi fl-*invoice* ma inkludix il-*labour cost* relattiv.

7. Fis-17 ta' Novembru 2017 il-konvenut il-Perit John Gambina wieġeb għall-appell. Isostni li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma. Argumenta li kien l-attur li ma kienx rintraċċabbli, u li mingħajr il-"*commissioning*" l-apparat ma jistax jintuża. Iżid jgħid illi f'dawn l-aħħar snin is-sistema tal-blokk tat il-problemi u meta qabbdu l-aġent tal-apparat dan irriżulta li (a) l-*mixer unit* ma kinitx korretta għas-sistema u għalhekk kellha tinbidel, u (b) l-*electronic module*, sabiex l-intercom tiegħu seta' jitħaddem mill-*cordless phone*, ma setax jiġi "*commissioned*" in ogni caso, għaliex jirrikjedi linja tat-*telephone* għalih, u hu la għandu u lanqas bi ħsiebu jdaħħal linja oħra.

<u>**Fatti li taw lok għall-kawża:**</u>

8. Il-blokka "*San Juan Apartments*", nru 14, Triq il-Marbat, Swieqi tikkonsisti f'seba' appartamenti, li minnhom il-konvenut għandu l-appartamenti numru 1, 2 u 3 fil-pjan terren u wkoll il-*penthouse* bin-numru 7. Huwa fil-fatt jabita fil-*penthouse*. L-appartament numru 4 huwa ta' ċertu Gauci, u l-appartament numru 6 huwa ta' ċertu Brownrigg. M'hemmx informazzjoni dwar l-appartament numru 5.

9. Il-konvenut, li hu wkoll l-amministratur tal-kondominju, inkariga lill-attur sabiex jinstalla sistema ta' *hall porter* fil-blokk. Jidher li l-appartament nru 5

ġie eskluż.

10. Fis-17 ta' Novembru 2010 l-attur hareġ *quotation*[1] fir-rigward ta' din is-sistema. Din ġiet iffirmata fis-6 ta' Diċembru 2010 mill-konvenut (għall-appartamenti 1, 2, 3 u 7), minn Gauci (għall-appartament numru 4) u minn Brownrigg (għall-appartament numru 6).

11. L-ewwel parti ta' din il-*quotation* telenka l-ispejjeż komuni għall-ħames appartamenti u l-*penthouse* fl-ammont ta' €1,396.85 (VAT eskluż), u cioe' €232.81 (VAT eskluż) kull wieħed. (€232.81 x 6 = €1,396.85).

| | |
|---|---|
| Art. 1395 COMELIT POWER SUPPLY UNIT | € 56.99 |
| Art. 6655 COMELIT 8 BUTTON ALUMINIUM UNIT | € 180.11 |
| Art. 4660 COMELIT NIGHT VISION CAMERA MODULE | € 844.47 |
| Art. 4888 COMELIT MIXER UNIT | € 315.28 |
| **TOTAL** | **€1,396.85 (VAT EXCL)** |

12. It-tieni parti tal-*quotation* tindika l-prezz tal-*handsets*, xi apparat intiż għall-*penthouse,* l-prezz tal-*cables* bil-metru, u l-prezz tax-xogħol fis-siegħa.

| | |
|---|---|
| Art. 5701 COMELIT BRAVO DESIGN MONITOR | € 407.35 |
| Art. 2638 COMELIT DESIGN AUDIO HANDSET | € 66.58 |
| Art. 2904 COMELIT GSM/PSTN MODULE | € 460.02 |
| 2 CORE 2.5MM CABLE P/MTR | € 0.40 |
| RG59 VIDEO CABLE P/MTR | € 0.58 |
| INSTALLATION & COMMISSIONING P/HR | € 27.50 |

13. Fid-dokument Dok SR2[2], l-attur jispjega kif l-ispejjeż relattivi għal kull appartament (nru 1, 2, 3, 4 u 6) jammontaw għal €365.10 (mingħajr VAT):

| | |
|---|---|
| Common costs: | € 232.81 |
| Cable & Labour: | € 62.38 |
| Malamine Wood: | € 3.33 |
| Audio handset | € 66.58 |
| **TOTAL** | **€365.10 (VAT EXCL)** |

14. Għalhekk l-ispejjeż għal kull appartament (minbarra l-*penthouse*) jammontaw

[1] Dok SR1, fol 20-21.
[2] Dok SR2, fol 22.

għal **€430.82** (€365.10 + 18% VAT: €65.72). Skont id-Dok. SR2, Gauci tal-appartament nru 4 ħallas lill-attur fis-17 ta' Jannar 2011 permezz ta' *cheque* tal-BOV 1478, filwaqt li Brownrigg tal-appartament nru 6 ħallas lill-attur ukoll fis-17 ta' Jannar 2011 permezz ta' *cheque* tal-HSBC 4107.

15. Skont l-istess dokument l-ispejjeż tal-*penthouse* (apt. nru 7) jammontaw għal €1,165.89 (mingħajr VAT).

| | | |
|---|---|---|
| Common costs: | €232.81 + | |
| Monitor: | €407.35 | |
| Audio handset: | € 66.58 | |
| **Subtotal** | **€ 705.87**...................... | € 705.87 + |
| GSM/PSTN module | | € 460.02 |
| **TOTAL** | | **€1,165.89 (VAT EXCL)** |

Bil-VAT l-ispejjeż relatati għall-*penthouse* jammontaw għal **€1,375.75** (€1,165.89 + 18% VAT: €209.86).

16. Għalhekk fir-rigward tal-inkarigu mertu tal-*quotation*, l-attur qed jippretendi mingħand il-konvenut: €1,292.46 (€430.82 x 3 appartamenti) + €1,375.75 *(penthouse)* = **€2,668.21.**

17. L-attur isostni li l-konvenut kien inkarigah jagħmel xi xogħol addizzjonali li ma kienx inkluż fil-*quotation*, konsistenti f'installazzjoni ta' Hall porter telephone module GSM/PSTN li tiswa €220 (bil-VAT **€259.60**.) Kien għalhekk li fl-avviż talab l-ammont totali ta' **€2,927.81.**

18. Fl-1 ta' Awwissu 2014 l-attur ħareġ l-invoices relattivi għat-tlett appartamenti u l-*penthouse* tal-konvenut (bil-VAT inkluż)[3]:

| | |
|---|---|
| INV00293 COMELIT AUDIO HALLPORTER Installation & Commissioning | € 430.82 |
| INV00294 COMELIT AUDIO HALLPORTER Installation & Commissioning | € 430.82 |
| INV00295 COMELIT AUDIO HALLPORTER Installation & Commissioning | € 430.82 |
| INV00296 COMELIT AUDIO HALLPORTER Installation & Commissioning EXTENSION FOR ADDITIONAL APARTMENT | € 1,375.75 |

[3] invoices, fol 24-28.

INV00297 COMELIT HALLPORTER TELEPHONE MODULE GSM/PSTN

| | |
|---|---|
| Installation | € 259.60 |
| **TOTAL** | **€2,927.81** |

Fis-27 ta' Awwissu 2014 l-attur bagħat ittra[4] lill-konvenut permezz ta' posta reġistrata[5] fejn interpellah iħallas l-ammont ta' €2,927.81.

19. Fis-16 ta' Ottubru 2014 ippreżenta ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A[6] fejn interpella lill-konvenut sabiex iħallsu l-ammont ta' €2,927.81. Il-konvenut ġie notifikat biha fl-21 ta' Ottubru 2014[7].

20. Fit-13 ta' Mejju 2015 l-attur ippreżenta l-kawża.

**L-ammont pretiż mill-attur *nomine* fil-fatt huwa €1,927.81 u mhux €2,927.81**

21. Jingħad qabel xejn illi fir-raba' eċċezzjoni tiegħu il-konvenut sostna li kien diġa għamel pagament u li l-attur nesa' jnaqqsu. Fl-affidavit tiegħu il-konvenut xehed illi qabel ma beda x-xogħol huwa kien ħallas lill-attur is-somma ta' **€1,000** permezz ta' *cheque* tal-BOV datat 16 ta' Diċembru 2010. Fil-fatt l-attur fix-xiehda tiegħu tal-24 ta' Marzu 2017 ġie muri kopja taċ-*cheque* (Dok KB1)[8] u aċċetta li sar tali pagament. Għalhekk l-attur nomine (minkejja li ma ppreżentax nota ta' riduzzjoni) qed jippretendi biss **€1,927.81**, kif anke ikkonferma fir-rikors tal-appell tiegħu.

**Verżjoni tal-attur**

22. L-attur *nomine* fix-xiehda tiegħu tal-11 ta' Marzu 2016[9] xehed illi x-xogħol inbeda f'nofs Diċembru 2010 u tlesta fi żmien ġimgħatejn. Qal li dwar il-

---

[4] Ittra tas-27.08.2014, fol 29.
[5] Riferta pożittiva, fol 31.
[6] Ittra uffiċjali, fol 23.
[7] Riferta pożittiva, fol 23 tergo.
[8] Dok KB1, kopja taċ-cheque imsarraf, liema dokument inħareġ mill-BOV fuq talba tal-konvenut, fol 68
[9] Xiehda tal-attur *nomine*, 11.03.2016, fol 15-19.

*quotation* kien hemm konferma da parti tal-konvenut li kien ser iħallsu. Qal li kien għamel diversi tentattivi biex jikkuntattjah għall-ħlas imma l-konvenut kien jevitah. Enfasizza illi barra x-xogħol indikat fil-*quotation* kien hemm ukoll ix-xogħol addizzjonali u qal li l-konvenut kien ippretenda li ħa jibqa' kont wieħed.

23. Fix-xiehda tiegħu tal-24 ta' Marzu 2017[10] ġie muri żewġ *job sheets* - wieħed datat 12 ta' Jannar 2011 (Dok KB2) u ieħor datat 13 ta' Jannar 2011 (Dok KB2) – u qal li ma jafx jekk kienx hemm dokumenti oħra. Mistoqsi għaliex dam das-snin kollha biex jieħu passi biex jiġbor il-flus mingħand il-konvenut, qal li r-raġuni kienet għaliex ma setax jintraċċjah. Qal li kull ma kellu kien in-numru tat-*telephone* tiegħu u ma deherlux li kellu dritt imur iħabbatlu l-bieb tiegħu għall-flus.

24. Qal ukoll illi peress li l-konvenut ma ħallasx l-ewwel parti tal-istima tal-*quotation* ma kellux ħeġġa li ssir it-tieni parti.

**<u>Verżjoni tal-konvenut</u>**

25. Il-konvenut eċċepixxa (*inter alia*) li x-xogħol ma tlestiex kollu, u li l-ammont mitlub jiżboq dak indikat fil-*quotation*.

26. Fl-affidavit tiegħu[11] ikkonferma illi l-ammont indikat fil-*quotation* kien maqsum f'żewġ partijiet: <u>l-ewwel parti</u> tirrigwarda l-ispejjeż komuni għall-appartamenti kollha, u <u>t-tieni parti</u> tirrigwarda s-settijiet ta' ġewwa l-appartamenti, tal-*cables* u tax-xogħol. Spjega li minn din il-parti kellu tlett settijiet sempliċi għat-tlett appartamenti li huwa jikri lin-nies, u fir-rigward tal-*penthouse* (fejn joqgħod hu) kien hemm *module* speċjali (indikata Art. 2904). Peress li l-*penthouse* huwa *duplex* (fih żewġ sulari) spjega li b'din il-*module* ikun possibbli għalih li jiftaħ il-bieb ta' barra mill-*cordless phone* minflok il-*video intercom* meta jkun

[10] Xiehda tal-attur *nomine*, 24.03.2017, fol 60-67.
[11] Affidavit tal-konvenut, maħluf 09.06.2016, fol 34-35.

fis-sular ta’ fuq tal-*penthouse* (cioe` biex jevita t-taraġ).

27. Qal li fl-aħħar ġurnata li kien qed jaħdem l-attur qallu li kien fadallu biss iġib u jinstalla din il-*module* speċjali biex ikun jista’ jiftaħ il-bieb mill-*cordless phone* u li kellu jmur il-ġimgħa ta’ wara; iżda huwa sparixxa għal sentejn sħaħ. F’dak iż-żmien ipprova jsib lil xi ħadd ieħor li seta’ jispiċċa x-xogħol ħalli jkun jista’ juża l-*cordless phone,* pero ħadd ma ried jidħol fuq ix-xogħol li kien beda’ l-attur *nomine.* Kompla jgħid li sentejn wara l-attur tfaċċa għandu biex ikompli x-xogħol qisu qatt ma kien xejn. Xehed illi effettivament ġab miegħu il-*module* u installah, iżda ma ssettjalux ukoll il-*cordless phone* biex ikun jista’ jiftaħ il-bieb ta’ barra. “*U minn dakinhar reġa’ sparixxa u bqajt sa llum bix-xogħol inkomplet”.*

28. Fix-xiehda tiegħu tas-27 ta’ Jannar 2017[12] il-konvenut sostna li mhux minnu li huwa qatt talab xi xogħol addizzjonali barra dak li kien hemm fil-*quotation*.

29. Qal ukoll illi l-*mixer unit,* li huwa jispjega li hija l-“qalb” tas-sistema, (indikata bħala Art. 4888 fl-ewwel parti tal-*quotation*) marret, tant li kellha tinbidel. Huwa fil-fatt esebixxa invoice fir-rigward ta’ mixer unit oħra li kellha tiġi installata. L-*invoice* fl-ammont ta’ €295.00 hija maħruġa minn “Jit Home Solutions” u ġġib id-data tal-5 ta’ Diċembru 2016 (cioe` inbidlet fil-mori tal-kawża). Huwa qal li minn fejn xtara tali *mixer unit* kienu infurmawh li ma kinitx addattata għas-sistema.

**Kunsiderazzjoni.**

30. Fir-rigward tal-istallazzjonijiet fl-appartamenti numru 1, 2 u 3 ma jidhirx li kien hemm problemi u għalhekk fil-fehma ta’ din il-qorti il-prezz tal-*hall porters* tagħhom (inkluż ħlas għat-tqegħid) għandu jitħallas. Dan jammonta għal **€1,292.46** bil-VAT inkluż (€430.82 x 3).

---

[12] Xiehda tal-konvenut tas-27.01.2017, fol 46-51.

31. Fir-rigward tal-*penthouse* duplex, ir-residenza tal-konvenut, din kellha installat fiha *video intercom* u mhux biss *handset*. In oltre, peress li l-*penthouse* tikkonsisti f'żewġ sulari, il-konvenut kien ried li jkun possibli għalih li jiftaħ il-bieb ta' barra anke meta jkun fis-sular fejn m'hemmx il-*video intercom*. Kien għalhekk li kienu ftehmu li jkun installat *module* sabiex il-konvenut ikun jista' jiftaħ il-bieb bl-użu ta' *cordless phone*. Issa barra li l-*module* ġie nstallat sentejn wara li sar ix-xogħol oriġinali[13] baqa' ma ġiex kommunikat mal-*cordless phone* u għalhekk tali *module* ma setax jintuża għall-iskop li kien intiż.

32. Il-konvenut jgħid li ma kien hemm l-ebda xogħol addizzjonali barra dak indikat fil-*quotation*. Fil-fatt il-*module* li jsemmi (intiż biex jiġi kkomunikat mal-*cordless phone*) huwa inkluż fil-*quotation* u huwa indikat bħala "Art. 2904 COMELIT GSM/PSTN MODULE" bil-prezz ta' €460.02 (VAT eskluż). Fuq l-invoice 00296 relattiv għall-*penthouse*, dan il-*module* (bil-prezz ta' €460.02 – VAT eskluż) huwa indikat bħala "*Extension for additional apartment*" (cioe` għas-sular l-ieħor tal-*penthouse*). Issa l-*invoice* 00297 (li allegatament jirrappreżenta xogħol addizzjonali) fil-fatt jirrigwarda l-istallazzjoni tal-*module*: "COMELIT HALLPORTER TELEPHONE MODULE GSM/PSTN INSTALLATION". Dan fil-fatt hu nkluż fl-istima, stante li fiha hemm imniżżlin ir-rati tal-xogħol tal-istallazzjoni. Għalhekk jidher li għandu raġun il-konvenut isostni li ma kien hemm l-ebda xogħol addizzjonali.

33. In vista tal-fatt li dan il-*module* (li ġie stallat snin wara x-xogħol oriġinali) baqa' qatt ma ġie mqabbad mal-*cordless phone*, kif kien intiż, u għalhekk il-konvenut baqa' ma setax jiftaħ il-bieb ta' barra jekk ikun fis-sular fejn m'hemmx il-*video intercom*, il-konvenut m'għandux iħallas għal tali *module* u għall-installazzjoni relattiva għalih.

34. Effettivament il-konvenut għandu *hall porter* (bil-*video intercom*) installat f'sular wieħed mill-*penthouse* tiegħu, li l-valur tiegħu huwa ta' €705.87 (li bi

[13] Fl-affidavit il-konvenut jgħid li ġie stallat sentejn wara, u fix-xiehda tiegħu jgħid li ġie stallat tlett snin wara

18% VAT jiġi <u>€832.93</u>). Il-qorti hi tal-fehma li l-konvenut għandu jħallas dan l-ammont. Fl-affidavit qatt ma semma li dik is-sistema kellha xi difett (ara l-paragrafu qabel tal-aħħar). Kien biss fil-kontro-eżami li l-konvenut semma għall-ewwel darba li din is-sistema ma kinitx taħdem tajjeb għaliex il-mixer li kellha ma kienx adattat għas-sistema li kien hemm installata. Lanqas fit-tweġiba m'allega li l-apparat kien difettuż jew ma kienx tal-kwalita' pattwita. Inoltre, il-qorti tosserva:

- Il-konvenut ma ħarrikx bħala xhud lil rappreżentant ta' JIT Home Solutions sabiex jikkorabora dak li xehed in kontro-eżami.
- Il-konvenut ma ppreżentax riċevuta ta' ħlas lil JIT Home Solutions.
- Il-konvenut ippreżenta kont datat 5 ta' Diċembru, 2016, meta s-sistema kienet ilha installata mill-bidu tas-sena 2011. Probabbilment il-konvenut kien jieħu passi ferm qabel kieku s-sistema kellha xi difett.

35. Il-qorti tfakkar li t-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawżi ***'prinċipalment skont l-ekwita'*** (art. 7(1) tal-Kap. 380). Fil-fehma tal-qorti, it-talba għall-ħlas hi wkoll ġustifikata fir-rigward ta' dik il-parti tal-kont li tirreferi għall-prezz ta' *Video Hall Porter* u t-tqegħid tiegħu, meħud in konsiderazzjoni li l-qorti m'għandhiex dubju li l-konvenut kien qiegħed jagħmel użu minnha. Ħadd m'għandu jieħu benefiċċju a skapitu ta' ħaddieħor. M'huwiex ġust li l-konvenut iżomm l-apparat u jagħmel użu minnu għal snin u mbagħad jippretendi li ma jħallasx għaliex l-attur ma lestiex ix-xogħol fir-rigward tal-apparat fis-sular ta' fuq tal-penthouse. B'daqshekk il-qorti mhijiex tippremja lill-attur li naqas milli jlesti x-xogħol, iżda qegħda tiżgura li l-konvenut iħallas għal dak l-apparat li ġie nstallat, baqa' imwaħħal fil-post u ntuża. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-konvenut milli jinkariga lil ħaddieħor biex ilesti l-ftit xogħol li jidher li kien għad fadal. Għalkemm il-konvenut qal li ħadd ma ried jidħol fuq l-attur, il-qorti għandha dubji kemm din hi l-verita. Hekk per eżempju lanqas ma ta dettalji dwar il-persuni li avviċina biex ilestu x-xogħol.

36. <u>**Konklużjoni**</u> - il-konvenut għandu jħallas lill-attur is-somma ta' **€1,135.39**

(€2,125.39 relattivi għall-*hall porter systems* li ġew installati fl-appartamenti 1,2,3 u 7 - €1,000 ħlas akkont li kien sar mill-konvenut).

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq. Tvarja s-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tas-7 ta' Lulju, 2017 u:**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni limitatament fir-rigward ta' dik il-parti tal-kont bil-kliem 'Extension for Additional Aparment' (fol. 27). B'dan li għall-kumplament il-konvenut għandu jħallas.**
2. **tiċħad it-tielet eċċezzjoni stante l-ammont rikjest mhux esagerat u ma jiżboqx il-*quotation* (stante li l-aħħar invoice tirrigwarda l-prezz tax-xogħol li r-rata tiegħu huwa indikat fil-*quotation* stess).**
3. **tilqa' r-raba eċċezzjoni (stante li l-attur nomine ma naqqasx l-ammont ta' €1000 diġa mħallas mill-konvenut fl-ammont mitlub minnu); u**
4. **tilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' elf mija u ħamsa u tletin ewro u disgha u tletin ċenteżmu (€1,135.39), u tikkundanna lill-konvenut iħallas dik is-somma lill-attur.**
5. **L-ispejjeż taż-żewġ istanzi (inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 2127/14) għandhom jitħallsu in kwantu għal 40% a karigu tal-attur u 60% a karigu tal-konvenut.**
6. **L-imgħax jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali.**

Anthony Ellul.